V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10299 - DBS/JPMC/Temasek/Techco JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 282/04)

1. Fis-6 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— DBS Bank Ltd ("DBS", Singapore),

— JPMorgan Chase & Co ("JPMC", l-Istati Uniti),

— Temasek Holdings (Private) Limited ("Temasek", Singapore)

— Techco Joint Venture ("Techco JV", Singapore).

DBS, JPMC u Temasek jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Techno JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal DBS: korporazzjoni multinazzjonali ta' servizzi bankarji u finanzjarji, li tipprovdi servizzi ta' banek għall-konsumatur, ġestjoni ta' ġid u servizzi bankarji istituzzjonali.

— għal JPMC: ażjenda ta' servizzi finanzjarji; li tipprovdi servizzi ta' banek ta' investiment, servizzi finanzjarji għall-konsumaturi u għan-negozji żgħar, servizzi bankarji kummerċjali, proċessar ta' tranżazzjonijiet finazjarji u ġestjoni ta' assi.

— għal Temasek: kumpanija tal-investiment li għandha portafoll li jkopri firxa wiesgħa ta' industriji: servizzi finanzjarji; telekomunikazzjonijiet, medja u teknoloġija; trasportazzjoni u industrijali; konsumatur u proprjetà immobbli; enerġija u riżorsi; xjenzi tal-ħajja u agrinegozju.

— għal Techco JV: kumpanija limitata privata li se tippossjedi u topera pjattaforma elettronika billi tuża t-teknoloġija blockchain biex tassisti l-ikklerjar u l-ħlas ta' pagamenti interbankarji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10299 - DBS/JPMC/Temasek/Techco JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 122964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.